**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Lulju, 2002

**Numru 13**

**Avviz. numru 1463/01JR**

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Charles Cassar u l-istess Charles Cassar**

**vs**

**Alfred Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-13 ta' Novembru 2001 fejn talbu lill-konvenut jghid l-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandhux jiddikjarah responsabbli ghall-habta bejn il-karozza numru EAZ-025 misjuqa mill-attur u l-karozza numru TMX-333 misjuqa mill-konvenut, u dana minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti da parti**

**tal-konvenut, kif ukoll li d-danni jigu likwidati fl-ammont ta' mija erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm174.95) in kwantu ghal Untours Insurance Agents Ltd noe u in kwantu ghal Charles Cassar l-ammont ta' tlieta u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm53.75);**

**Qed jintalab li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas id-danni hekk likwidati;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni. L-incident gara f'Hal-Tarxien fil-31 ta' Mejju, 2000.**

**Ra li l-konvenut debitament ingunt baqa' ma pprezentax risposta. Il-konvenut pero` b'rikors datat 12 ta' Marzu, 2002, talab li jressaq il-provi tieghu, u t-Tribunal kien laqgha din it-talba.**

**Semgha x-xhieda ta'  Anthony Amaira, ta' Charles Cassar, ta' WPS40 Isabella Camilleri u ta' Alfred Caruana.**

**Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw abbilment il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li grat fi Triq San Anard, Tarxien, fil-31 ta' Mejju, 2000, bejn il-vettura EAZ-025 misjuqa mill-attur Charles Cassar, u l-vettura TMX-333 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara ghall-habta tas-5.45p.m..

2. Jirrizulta li l-attur kien hareg mill-entratura tal-parkegg ta' Brand International, qasam il-karreggjata li taghti ghall-Belt u kien qed jaqbad il-karreggjata li taghti ghal Haz-Zabbar. L-attur kien ghamel is-senjalazzjoni rikjesta. Aktar il-fuq kien hemm zewg karozzi qed jistennew li jaqilbu t-"traffic lights" ta' maz-"zebra crossing". Jirrizulta li l-konvenut qabez lill-dawn il-karozzi minn gewwa, cioe` minn fuq ix-xellug taghhom u baqa' diehel fil-genb ta' quddiem ta' l-attur, in-naha tax-xellug.

3. Mix-xhieda ta' l-attur kif ukoll mir-road accident report jirrizulta li l-attur kien xeghel l-indicator biex juri li ser jaqsam it-triq. Jirrizulta li t-traffiku fil-karreggjata ta' barra fuq in-naha l-ohra tat-triq kien wieqaf. Il-konvenut jammetti li l-vetturi fil-karreggjata ta' barra kienu wefqin, u ta' wara kellu l-indicator mixghul biex idur ghall-go Brand International.

4. Jirrizulta li l-attur kellu hsara fuq il-mudguard u bieba tax-xellug.

5. **Min qed isuq ghandu taht kull cirkostanza juza d-debita diligenza, aktar u aktar jekk dan qed jaghmel manuvra ta' surpass, u di piu` minn fuq ix-xellug, ossija kontra r-regolamenti. Id-diligenza ta' dak il-persuna li qed jaghmel tali surpass necessarjament ghandha tkun akbar minn dik rikjesta fic-cirkostanzi ordinarju tat-traffiku.**

**Huwa minnu li kif jghid il-Gibb:**

> **"A driver is sometimes confronted by a sudden and unforeseen emergency which may so overpower his judgement that momentarily he is not capable of intelligent action. Under such circumstances he is not required to exercise the same amount of care as one who has ample opportunity for the full exercise of his judgement and reasoning faculties…." (Andre Dewar Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases, sec.51 kif rappurtat f'Vol.XLV-253).**

**Jkompli jghid ukoll li:**

> **"Notwithstanding the emergency, the driver would be equally liable if his own negligence gave rise to the emergency."**

**Hekk ukoll gie ritenut:**

> **"It is necessary that the emergency be not preceded by fault, negligence on his part" (Vol.XXIX-I-823)**

**Inoltre jigi rilevat li l-principju f'incidenti tat-traffiku gie kristallizzat mill-Qrati taghna kif ser jinghad:**

> **"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' ncidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkustanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable careful look-out", liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli." (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112)**

**Kif rilevat fil-kawza "Mazzitelli vs Carr" Vol.XXIX-II-504:**

> **"A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner, with regard to all**

**concomitant circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control…"**

**Fl-istess sentenza hemm referenza ghall-Codice Stradale Taljan fejn jinghad:**

> **"Il conducente della automobile deve essere padrone della velocita` della macchina."**

6. **Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut halla brake marks twal circa erba' metri li jindikaw li l-konvenut kien ghaddej b'velocita` ta' 35 sa 40mph, u din il-velocita`, tenut kont tal-manuvra li kien qed jaghmel, kienet tali li ma tippermettilux jwaqqaf fil-hin jekk jigi rinfaccjat bi traffiku iehor, kif fil-fatt gie rinfaccjat. Dana apparti l-fatt li l-konvenut seta' ben jipprevedi li l-vetturi kienu weqfin ghax kienu qed icedu ghat-traffiku li kien diehel fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej hu. Definitivament il-konvenut ghamel manuvra azzardata ferm meta qabez mix-xellug lill-vetturi li kienu qed jistennew, u ghalhekk ma jistghax jitfa' issa l-htija fuq l-attur li b'ebda mod ma kien negligenti fil-manuvra tieghu.**

7. **Tenut kontra ta' dak li ntqal, ma hemmx dubbju li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, li naqas milli juza d-debita diligenza fic-cirkjostanzi u li ittenta manuvra kontra r-regolamenti meta effettwa sorpass mix-xellug. Kienet din il-manuvra azzardata li**

**ghamel l-istess konvenut meta qabez lill-vetturi l-ohra minn gewwa, li tat lok ghall-incident. Il-konvenut jidher li baqa' ghaddej b'certa velocita`, u dana wiehed jista' jirrilevah mill-brake marks li halliet il-karozza tal-konvenut, li jidher ukoll li meta rinfaccjat bl-emergenza li holoq hu stess ipprova jaghmel manuvra evasiva, billi rass lejn ix-xellug. L-attur kien gja hareg bid-debita diligenza. Ghall-dawn ir-ragunijiet il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-eventwali kollizzjoni.**

8. **L-attur kien assikurat "comprehensive" mas-socjeta` attrici, li hallsu d-danni, filwaqt li l-attur hallas tlieta u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm53.75) ghall-kiri ta' karrozza (Lm28.75) u excess (Lm25);**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni de quo, jillikwida d-danni fl-ammonti imsemmija u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm174.95), u ihallas lill-attur Charles Cassar l-ammont ta' tlieta u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm53.75), bl-imghax legali mill-11 ta' Jannar, 2002;**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ai termini tal-Kap.104, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**